MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum l-14 ta’ Lulju, 2020

Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 757/2020/1 LM

**Old Mill Developments Limited (C 49801)**

***vs.***

**Dottor Shazoo Ghaznavi (K.I. 219698M)**
**u b’digriet tas-26 ta’ Ġunju, 2020 intervjena f’dawn il-proċeduri *in statu et terminis* John Vella bħala direttur tas-soċjetà Old Mill Developments Limited kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta’ Vella Estates Limited**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti **Old Mill Developments Limited** (C 49801), (minn issa ’l quddiem “ir-rikorrenti”), li ġie ppreżentat fit-22 ta’ Ġunju, 2020 u maħluf minn Emmanuel Mallia (K.I. 665252M) għan-nom tal-istess soċjetà rikorrenti, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli jgħaddi kwalunkwe pagament ta' flus lis-soċjetà Vella Estates Limited in segwitu ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ numru 5407/2018 fl-ismijiet **Vella Estates Limited vs Old Mill Developments Limited** u dana mill-ammont ta' flus miżmuma mill-intimat* in escrow;

*Illi din it-talba qiegħda ssir peress li mill-qari tal-istess deċiżjoni għandu jew sejjer jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-arbitru huma essenzjalment ibbażati fuq ġuramenti foloz mogħtija minn ċertu xhieda;*

*Illi fil-każ li jsir il-pagament skont l-imsemmija deċiżjoni, is-soċjetà rikorrenti sejra ssofri preġudizzju irrimedjabbli;*

*Illi in vista tal-urġenza ta' din is-sitwazzjoni, is-soċjetà rikorrenti titlob sabiex dan il-mandat jintlaqa' provviżorjament.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat illi l-intimat **Dr Shazoo Ghaznavi** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ġie debitament notifikat bir-Rikors fit-22 ta' Ġunju, 2020.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2020 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Dr Shazoo Ghaznavi** (K.I. 219698M)**,** ippreżentata fl-24 ta' Ġunju, 2020, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm l-intimati milli "Jgħaddi kwalunkwe pagament ta' flus lis-soċjetà Vella Estates Limited in segwitu ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Arbitraġġ numru 5407/2018 fl-ismijiet '**Vella Estates Limited vs Old Mill Developments Limited**' u dana mill-ammont ta' flus miżmuma* in escrow";

***Illi l-esponent jissottometti li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri:***

1. *Illi in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għal dak li ser jingħad aktar 'il quddiem, ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti huwa irritu u null stante li ġie maħluf minn, u qiegħed jidher, direttur wieħed tas-soċjetà rikorrenti, in rappreżentanza tal-istess soċjetà, mentri l-istatut tal-istess soċjetà (kopja tiegħu huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'SG1') jipprovdi li r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà rikorrenti hija vestita f'żewġ soċji;*

2. *Illi inoltre, u ukoll fuq bażi preliminari lanqas ma setgħu jiġu intavolati dawn il-proċeduri kontra l-intimat Avukat Dottor Shazoo Ghaznavi f'ismu personalment u dan peress li d-deċiżjoni taċ-Ċentru ta' Malta għal Arbitraġġ li għaliha qiegħda ssir referenza fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, tordna lill-istess soċjetà Old Mill Developments Limited sabiex tagħmel il-ħlas lil Vella Estates Limited u mhux lill-Avukat Dottor Shazoo Ghaznavi. Se mai, jekk l-azzjonist Emmanuel Mallia, ħass li ser jinħoloqlu preġudizzju mid-deċiżjoni tal-arbitru, kellu jkun hu, f'ismu personalment, li jinibita lis-soċjetà Old Mill Development Limited milli tagħmel kwalunkwe pagament li ġiet ordnata tagħmel;*

3. *Illi, subordinatament u dejjem mingħajr preġudizzju, din it-talba m'għandhiex tintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:-*

***Il-Fatti:***

a. *Jibda biex jingħad li l-flus surriferiti miżmuma mill-esponenti* in escrow *huma a bażi ta' kuntratt li sar fil-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) bejn Emmanuel Mallia u John Vella għan-nom u in rappreżentanza ta' Old Mill Developments Limited (Reg. No. C49801) u John Vella għan-nom u in rappreżentanza ta' Vella Estates rigwardanti flus li kienu qed jiġu kkontestati bejn il-partijiet mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà bl-indirizz tlieta (3), f'ħamsa u ħamsin (55), Old Mill Street, Mosta;*

b. *Illi a bażi ta' dan il-ftehim il-partijiet qablu li Vella Estates tirtira l-iskrizzjoni speċjali li kellha fuq din il-proprjetà surriferita ħalli tkun tista' tinbiegħ lil terzi u l-kontestazzjoni tiġi deċiża minn arbitru hemm indikat u maqbul bejn il-partijiet, liema deċiżjoni kellha tkun waħda finali u mhux suġġett tal-appell. F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għall-klawsola sitta (6) (ii) u (iv) tal-ftehim surriferit (kopja ta' liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. SG2') jgħidu hekk:*

"6(ii). The appointed Arbiter shall within three (3) months of his appointment, deliver his final report, the costs of which are to be paid by the company Old Mill Development and shall be settled by Dr Shazoo Ghaznavi from the money held by him in escrow as being authorised to do so by the parties, <u>and shall proceed with payment without the need of further authorisation.</u>

*6(iv). Both parties agree that such decision shall not be subject to appeal."*

ċ. *Illi a tenur ta' dan il-ftehim il-partijiet surriferiti, inkluż l-istess rikorrenti, kienu qablu li rigwardanti dawn il-flus l-esponenti kellu jirtira dawn il-flus miżmuma minnu u jgħaddihom lill-partijiet jew lil wieħed minnhom fit-termini tal-klawsola numru 5(a) u (b), liema awtorizzazzjoni* ai termini *ta' klawsola 7 kienet qed tiġi mogħtija lill-esponenti mill-partijiet b'mod irrevokabbli sakemm mhux mibdula fit-termini tal-istess ftehim:*

*"5*. ... which balance amounts to €139,840.00 shall be deposited in an escrow account with Dr Shazoo Ghaznavi who shall only withdraw the amount so deposited and assigned to the parties or either of them as specified hereunder:

a) By a document containing the written instructions <u>OF BOTH</u> parties; and/or
b) In terms of an award of an Arbiter who by agreement of the parties are set out in priority order as follows ...

The parties irrevocably authorise Dr Ghaznavi to act solely in terms of the present clause, in respect of the funds being deposited in escrow.

7. Both parties declare that all authorisations being given on the present agreement are of an irrevocable nature and may only be altered in terms of the present agreement."

*d. Illi kien sar ukoll ftehim ieħor bejn l-istess partijiet u ċioe Emanuel Mallia u John Vella għan-nom u in rappreżentanza ta' Old Mill Developments Limited (Reg. No. C 49801) u John Vella għan-nom u in rappreżentanza ta' Vella Estates li qed jiġi anness bħala Dok. SG 3 li permezz tiegħu ġiet indikata l-arbitru li kellu jippresjedi din il-kontestazzjoni* ai termini *tal-proċedura misjuba fil-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta:*

4. That the decision of the Arbiter shall be final, not subject to appeal and in full and final settlement of any further claims between the parties appearing hereon.
5. That the arbitration proceedings shall be regulated by the rules laid down in Chapter 387 of the Laws of Malta.

e. *Illi d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ bin-numru 5407/2018 fl-ismijiet* ***Vella Estates Limited versus Old Mill Developments Limited*** *ittieħdet u qed tiġi hawn annessa bħala Dok. SG4;*

f. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati s-soċjetà esponenti mhux biss huwa konsapevoli tal-fatti kif esposti hawn fuq imma ukoll firmatarja tal-ftehim Dok. SG2 u f'dan l-istadju ma hemm ebda triq oħra ħlief li tirrilaxxa dawn il-flus skont id-deċiżjoni mogħtija mill-arbitru u dan ai termini ta' klawsola ħamsa (5) tal-istess ftehim;*

g. *Illi l-esponenti qed jiġi inibit mir-rikorrenti milli jsegwi dan il-ftehim peress li mill-qari tal-istess deċiżjoni għandu jew sejjer jirriżulta li l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-arbitru huma essenzjalment ibbażati fuq ġuramenti foloz mogħtija minn ċertu xhieda;*

***<u>IR-REKWIŻITI LEGALI SABIEX IKUN JISTA' JINĦAREĠ MANDAT TA' INIBIZZJONI</u>***

*Illi, l-esponenti sejjer jgħaddi issa sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tagħhom fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*
*Id-dispożizzjoni li tirregola proċediment tax-xorta tal-lum hija l-Art. 873 tal-Kap. 12.*
*L-artikolu huwa kompost minn erba' subinċiżi. Dawk rilevanti għall-każ tal-lum huma l-ewwel tnejn li jgħidu hekk:-*

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent* prima facie *jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioe s-subinċiżi (1) u (2). Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni* ***V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti*** *deċiża fil-31 ta' Jannar, 2011 (JZM);*

*"Illi mandat ta' inibizzjoni "huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli ... It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat[1]" (enfasi miżjuda mill-esponenti).*

*Inoltre għandu jingħad "Illi biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni l-Qorti trid taċċerta ruħha li r-rikorrent* prima facie *jidher li għandu dawk il-jeddijiet; u li jekk il-mandat ma jinħariġx bi preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih." (**Sandro Chetcuti et vs L-Avukat Ġenerali,** deċiża mill-Onor. Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Jannar, 2005.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' dina l-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-'daqqa t'għajn' għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor."*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes wieħed mill-elementi għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li r-rekwiżit li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija intiża sabiex tirkupra d-danni. Jiġifieri jekk sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata b'azzjoni għar-riżarċiment għad-danni allura l-ħruġ tal-mandat*

[1] Charles Mugliett *vs* Saviour Bonnici, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; Angelo Xuereb vs Marin Hili, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995.

*ma jibqax iktar neċessarju u impellenti (ara f'dan is-sens id-digriet* ***L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti –*** *Mandat numru 976/08 JRM).*

*Illi dak li qed tippresta s-soċjetà esponenti jikkonsisti f'azzjoni li tista' tiġi rimedjata għar-riżarċiment ta' danni jekk l-allegazzjonijiet li qed tagħmel jiġu ppruvati, liema kwistjonijiet huma għal kollox lil hinn mill-mertu tal-ftehim ta' kif l-esponenti kellu jippresta l-fondi* in escrow.

*Jingħad illi l-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, però, m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw (****Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut,*** *deċiża mill-Onor. Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju, 2003). F'dan is-sens jiġi preċiżat li ai termini tal-klawsola numru tmienja (8) tal-ftehim immarkat bħala Dok. SG2, l-istess partijiet kienu intrabtu li ma jagħmlu l-ebda mandat ta' sekwestru fuq il-flus in kwestjoni – "*Both parties hereby bind themselves not to issue any garnishees in respect of the escrow in case of any dispute, in which Dr Shazoo Ghaznavi is indicated as the garnishee ('*sekwestrat*') or one of the co-garnishees *('ko-sekwestrati') – proprju biex il-vertenza ta' bejniethom tiġi deċiża fit-termini tal-istess ftehim.*

*Issa hawn si tratta mhux mandat ta' sekwestru iżda mandat ta' inibizzjoni li fil-provvediment tad-19 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet* ***Michael Rizzo et vs Demar Properties Limited*** *(rikors numru 767/2017 JRM) kien ġie osservat illi:*

*"Tqis ukoll li, kien ingħad f'każijiet oħrajn, ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil* (arm twisting) *lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd* prima facie *tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."*

*Jingħad ukoll li r-rwol ta' din il-Qorti fi proċediment speċjali bħal dak tal-lum huwa limitat f'li tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti għandhomx inkella le jedd* prima facie *kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża "****Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre****" – ir-rekwiżit tal-jedd '*prima facie' *huwa oġġettiv u mhux suġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant; jew il-jeddijiet jidhru* 'prima facie'*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.*

> *Dan kellu jkun il-mertu tal-proċeduri fl-arbitraġġ u l-parti hekk telliefa f'dawk il-proċeduri ma tistax tuża dawn il-proċeduri biex tivvanta l-pretensjonijiet tagħha.*
>
> *Għaldaqstant huwa ċar li ma kien hemm ebda ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern u kwindi dan għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mill-istess rikorrenti."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà rikorrenti Old Mill Developments Limited, permezz ta' rikors ippreżentat minn wieħed mid-diretturi tagħha Emanuel Mallia, qiegħda titlob lil din il-Qorti żżomm lill-intimat Dr Shazoo Ghaznavi milli jgħaddi lil Vella Estates Limited kwalunkwe pagament ta' flus li dan għandu miżmuma *in escrow*, u dan wara deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta fl-

ismijiet '**Vella Estates Limited *vs.* Old Mill Developments Limited**'. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li dan il-pagament m'għandux isir u li jekk tali ħlas lil Vella Estates Limited isir, dan ikun bi preġudizzju għad-drittijiet tagħha, u żiedet tgħid li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fir-rigward tal-kwistjoni bejn Vella Estates Limited u Old Mill Developments Limited, kienet waħda żbaljata stante li bbażata fuq konsiderazzjoni ta' numru ta' ġuramenti foloz. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li f'każ li jsir dan il-pagament kif ordnat miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, dan ikun bi preġudizzju għad-drittijiet tagħha.

Il-konvenut wieġeb li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ ta' dan il-mandat, hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u preliminarjament ir-rikors ippreżentat fil-konfront tiegħu huwa irritu u null stante li ġie maħluf minn, u ġie ppreżentat minn wieħed biss mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, mentri l-istatut ta' Old Mill Developments Limited jispeċifika li r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà rikorrenti hija vestita fiż-żewġ diretturi tagħha, jiġifieri kemm f'Emanuel Mallia kif ukoll f'John Vella. Preliminarjament ukoll, l-intimat jgħid li dawn il-proċeduri ma kellhomx jiġu intavolati kontrih personalment, għaliex id-deċiżjoni taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ tinvolvi żewġ soċjetajiet, Old Mill Developments Limited u Vella Estates Limited, u torbot lil Old Mill Developments Limited tagħmel ħlas favur Vella Estates Limited. Żied jgħid li tali deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ma timponi l-ebda linja ta' azzjoni fuq Dr Ghaznavi personalment. Ġie eċċepit ukoll li f'każ li Emanuel Mallia ħass li kien ser jinħoloqlu preġudizzju bid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru, kellu jkun hu personalment li jżomm lil Old Mill Developments Limited milli tagħmel il-pagament li ġiet ordnata tagħmel. L-intimat spjega li bħala fatt

huwa għandu fil-pussess tiegħu somma flus miżmuma *in escrow* abbażi ta' kuntratt li ġie ffirmat fil-15 ta' Frar, 2018 bejn Emanuel Mallia u John Vella f'isem Old Mill Developments Limited min-naħa l-waħda, u John Vella għan-nom ta' Vella Estates Limited min-naħa l-oħra, dwar pagamenti li kienu qegħdin jiġu kkontestati mill-partijiet wara l-bejgħ ta' proprjetà ġewwa Old Mill Street, il-Mosta. Permezz ta' dan il-ftehim il-partijiet qablu li Vella Estates Limited għandha tirtira l-iskrizzjoni ta' privileġġ speċjali fuq din il-proprjetà ħalli din tkun tista' tinbiegħ lil terzi, u l-kontestazzjoni tiġi deċiża minn arbitru li jkun indikat u maqbul bejn il-partijiet. Il-ftehim bejn il-partijiet kien jinkludi wkoll klawsola li tispeċifika li meta tingħata d-deċiżjoni, Dr Ghaznavi kellu jirtira l-flus miżmuma minnu u jgħaddihom lill-parti rebbieħa, filwaqt li l-partijiet kellhom jiftiehmu bejniethom ukoll dwar il-ħatra tal-arbitru. Huwa għalhekk, jgħid l-intimat, li huwa m'għandu l-ebda għażla f'dan il-każ għajr li jirrilaxxja l-flus skont id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-intimat ippreżenta kopja tal-istatut tas-soċjetà Old Mill Developments Limited[2], fejn jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti għandha żewġ diretturi, John Vella u Emmanuel Mallia, li għandhom fdata f'idejhom il-ġestjoni konġunta tal-kumpannija. Mill-kopja tal-istatut jirriżulta wkoll li r-rappreżentanza ġuridika u

[2] *A fol.* 11 tal-proċess.

legali tal-kumpannija hija vestita fiż-żewġ diretturi tagħha, li għandhom jaġixxu b'mod konġunt bejniethom.[3]

Ġiet ippreżentata ukoll kopja tal-ftehim tal-15 ta' Frar, 2018, iffirmat bejn min-naħa l-waħda Emanuel Mallia u John Vella f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà Old Mill Developments Limited, u John Vella f'isem u għan-nom ta' Vella Estates Limited fuq in-naħa l-oħra[4], fejn ġie premess li Vella Estates kienet irreġistrat privileġġ speċjali fuq għadd ta' proprjetajiet immobbli fil-Mosta, għall-ammont ta' €230,000, u li waħda mill-proprjetajiet milquta minn dan il-privileġġ speċjali, il-*maisonette* numru 3, f'55, Old Mill Street, il-Mosta kienet ser tinbiegħ lil terzi. Il-kwistjoni li wasslet għall-proċeduri arbitrali bejn il-partijiet inqalgħet għaliex Vella Estates ippretendiet li parti mis-somma flus milquta minn dan il-privileġġ speċjali kienet għadha dovuta lilha, filwaqt li Emanuel Mallia jgħid li l-bilanċ allegatament dovut minn Old Mill Developments Limited lil Vella Estates Limited jirrappreżenta spejjeż u bilanċi li m'għandhomx ikunu sopportati minn Old Mill Developments Limited. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim, il-partijiet qablu li Vella Estates Limited għandha tirtira l-privileġġ speċjali fuq il-*maisonette* numru 3, ġewwa 55, Old Mill Street, il-Mosta, li kien ser jinbiegħ lil Valerio Picciolo u lil Anna Marie Sammut, mingħajr preġudizzju għall-pretensjoni ta' Vella Estates Limited li għadha dovuta somma flus lilha minn Old Mill Developments Limited, u bla preġudizzju għall-pretensjoni ta' Old Mill Developments Limited li l-ebda somma mhija dovuta minnha lil Vella Estates Limited. Il-partijiet qablu li

---

[3] Art. 10 tal-istatut jgħid hekk, *"The Judicial and Legal Representation of the Company is vested in both directors acting jointly."*

[4] *A fol.* 19 tal-proċess.

jirreferu din it-tilwima lill-Arbitru li qablu fuqu l-partijiet. L-Arbitru kien mistenni jħejji r-rapport tiegħu fi żmien tliet xhur mill-ħatra tiegħu, u l-ħlas għal dan ir-rapport kellu jsir permezz ta' fondi li kienu miżmuma mill-intimat Dr Shazoo Ghaznavi *in escrow.* Minn dan il-ftehim jirriżulta wkoll li Dr Shazoo Ghaznavi inħatar *escrow agent.* Ġie ppreżentat ukoll kopja tal-ftehim tal-15 ta' Mejju, 2018, bejn Old Mill Developments Limited kif rappreżentata minn Emanuel Mallia u John Vella min-naħa l-waħda, u Vella Estates Limited kif rappreżentata minn John Vella fuq in-naħa l-oħra.[5] F'dan il-ftehim ġie ppreċiżat li s-somma miżmuma *in escrow* mill-intimat tammonta għal €139,840, u li kien hemm qbil bejn il-partijiet li dawn il-flejjes għandhom jinżammu minn Dr Ghaznavi sakemm ikunu jistgħu jiġu rilaxxjati favur xi wieħed minnhom. Ġie ppreċiżat ukoll li kemm Vella Estates kif ukoll Emanuel Mallia għandhom pretensjonijiet separati fil-konfront ta' Old Mill Developments Limited, u li l-kontenzjoni li tressqet quddiem l-Arbitru kienet limitata biss għall-pretensjoni ta' Vella Estates Limited kontra Old Mill Developments Limited. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Arbitru, fejn l-Arbitru qalet li m'hemmx dubju li l-flus meħtieġa għall-proġett li dwaru hemm kontenzjoni bejn il-partijiet, inħarġu minn Vella Estates Limited u li din il-kumpannija onorat l-obbligi kontrattwali tagħha. F'dan ir-rigward, l-Arbitru ddikjarat li s-somma ta' disgħa u sebgħin elf, seba' mija u tlieta u ħamsin Euro u sebgħin ċenteżmu (€79,753.70) hija dovuta lil Vella Estates Limited mingħand Old Mill Developments Limited b'riżultat ta' self li għamlet Vella Estates Limited lil Old Mill Developments Limited, u li dawn il-flus għandhom

---

[5] *A fol.* 21 tal-proċess.

jitħallsu lil Vella Estates Limited mill-flus miżmuma *in escrow* għand Dr Shazoo Ghaznavi.

Waqt l-udjenza tat-3 ta’ Lulju 2020, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta’ **Emanuel Mallia**, li spjega li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri fil-vesti tiegħu ta’ direttur u azzjonist tas-soċjetà Old Mill Developments Limited, wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri ta’ arbitraġġ bejn Old Mill Developments Limited u Vella Estates Limited. Ix-xhud qal li huwa ma qabilx mad-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru u qal li kien hemm diversi xhieda li ma qalux il-verità, u permezz ta’ dan il-mandat huwa qiegħed jipprova jżomm lil Dr Shazoo Ghaznavi milli jagħmel pagament favur Vella Estates Limited b’parti mill-flus miżmuma minnu *in escrow.* Ix-xhud għad li allega li kien hemm min xehed falz fil-proċeduri li nżammu quddiem l-Arbitru, ikkonferma li min-naħa tiegħu huwa qatt ma talab li jittieħdu proċeduri kontra min fil-fehma tiegħu xehed falz. Ix-xhud ikkonferma li l-firma fuq il-ftehim tal-15 ta’ Frar, 2018 hija tiegħu, iżda qal li huwa ma jafx dak il-ftehim x’kien jgħid. Qal però li kien jaf li b’dak il-ftehim il-partijiet kienu qegħdin jaqblu li f’każ ta’ tilwim jew diżgwid bejniethom, il-kwistjoni kellha tiġi riferuta għall-arbitraġġ. Ix-xhud ikkonferma wkoll li huwa pparteċipa fil-proċeduri tal-arbitraġġ, u li f’dawn il-proċeduri huwa kien rappreżentat minn avukat tal-għażla tiegħu, kif ukoll ressaq il-provi u x-xhieda kollha li xtaq iressaq in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li l-eżitu tal-proċeduri fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ kien li l-Arbitru ddeċieda favur Vella Estates Limited.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Dr Raphael Fenech Adami**, li rrappreżenta lil Emanuel Mallia fil-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Ix-xhud qal li Emanuel Mallia qiegħed jinsisti li wieħed mill-Periti li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, kien xehed falz. Ix-xhud ikkonferma li bejn il-partijiet kienu ġew skambjati għadd ta' ittri uffiċjali, saħansitra qabel bdew il-proċeduri tal-arbitraġġ, u minkejja li huwa kien sostna quddiem l-Arbitru, li l-Perit Joe Attard m'għandux jitwemmen, formalment ma sar l-ebda rapport min-naħa tiegħu li xi ħadd mix-xhieda mressqa mill-partijiet kien xehed falz.

Xehed ukoll **John Vella**, li kkonferma li huwa qiegħed jipparteċipa f'dawn il-proċeduri bħala intervenut. Ix-xhud qal li sabiex jitħallsu flejjes minn Old Mill Developments Limited, irid ikun hemm il-kunsens u l-firem kemm tiegħu kif ukoll ta' Emanuel Mallia.

Is-soċjetà rikorrenti permezz ta' nota tat-3 ta' Lulju, 2020, ippreżentat kopji tal-ittri uffiċjali li kienu ntbagħtu bejn il-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[6]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ ta' mandata ta' inibizzjoni.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara et**[7]:

---

[6] Ara f'dan is-sens Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfre – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u 40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 02.11.2010.
[7] P.A., 13.05.2014.

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *'inter alia'*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**.

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-

Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[8] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu

[8] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[9]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima

[9] P.A., 25.01.2005.

li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[10]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[11]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hija rinfaċċjata b'talba li qiegħda ssir minn Emanuel Mallia għan-nom tas-soċjetà Old Mill Developments Limited, sabiex iżżomm lill-intimat l-Avukat Shazoo Ghaznavi milli jgħaddi kwalunkwe pagament ta' flus lil Vella Estates Limited, u dan wara deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ li kkundannat lil Old Mill Developments Limited għall-ħlas ta' somma flus favur Vella Estates Limited. Is-soċjetà rikorrenti għandha żewġ diretturi, Emanuel Mallia, u John Vella, li huwa wkoll direttur ta' Vella Estates Limited. L-istatut ta' Old Mill Developments Limited jispeċifika li fi kwalunkwe proċeduri legali u ġudizzjarji, din il-kumpannija għandha tkun rappreżentata miż-żewġ diretturi tagħha. Jirriżulta li ż-żewġ kumpanniji kienu involuti fi proġetti ta' xogħol tal-kostruzzjoni, u nqalgħet bejniethom kwistjoni dwar pretensjonijiet ta' ħlas li Vella Estates Limited sostniet li huma dovuti lilha, liema kwistjoni ġiet riferuta għall-proċedura tal-arbitraġġ, wara qbil f'dan ir-rigward bejn iż-żewġ

---

[10] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[11] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

kumpanniji. Id-deċiżjoni tal-Arbitru kienet fis-sens li ammont ta' flus miżmuma mill-Avukat Ghaznavi *in escrow,* għandhom fil-fatt jitħallsu lil Vella Estates Limited a saldu ta' dak dovut lilha minn Old Mill Developments Limited. Emanuel Mallia ma qabilx ma' din id-deċiżjoni, u qiegħed jallega li l-konsiderazzjonijiet li mxiet fuqhom l-Arbitru sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, kienu msejsa fuq xhieda li ma qalux il-verità. Mix-xhieda li semgħet il-Qorti, jirriżulta li minkejja li quddiem l-Arbitru ntqal li ċerti xhieda ma kellhomx jitwemmnu, qatt ma saret l-akkuża formali li xi xhud partikolari xehed il-falz. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħda tipprova twaqqaf lill-intimat milli jagħmel il-ħlasijiet li ordnatlu jagħmel l-Arbitru, liema flus qegħdin fil-pussess tiegħu wara li huwa nħatar *escrow agent* permezz tal-ftehim tal-15 ta' Frar, 2018, li kopja tiegħu ġiet ippreżentata f'dawn il-proċeduri.

L-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut tolqot l-irritwalità ta' dawn il-proċeduri, minħabba li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ġie maħluf u propost minn wieħed biss mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, filwaqt li l-istatut tal-istess soċjetà jispeċifika li r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà rikorrenti hija vestita fiż-żewġ diretturi tagħha. Id-difensur tas-soċjetà rikorrenti laqa' għal dan billi għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 141(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386), li jgħid li meta r-rappreżentanza ta' kumpannija ma tkunx tista' tiġi eżerċitata skont dak li jipprovdi l-istatut tal-kumpannija, kull direttur jista' jirrappreżenta lill-kumpannija fi proċedimenti ġudizzjarji li jittieħdu kontra tagħha. Il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn wieħed mid-diretturi tal-kumpannija għażel li jiftaħ proċeduri għan-nom tal-

kumpannija li tagħha huwa direttur, fil-konfront ta' terz li m'għandux x'jaqsam mal-kwistjoni bejn il-partijiet li dehru quddiem l-Arbitru, iżda li nħatar bħala *escrow agent* u li ġie ordnat mill-Arbitru jeffettwa ħlas ta' flus dovuta lil kumpannija oħra li d-direttur tagħha huwa wkoll direttur tas-soċjetà rikorrenti. Jirriżulta wkoll li l-istatut tas-soċjetà rikorrenti ma jipprovdix dwar x'għandu jiġri f'każ li jinqala' diżgwid intern bejn id-diretturi tal-kumpannija, u dwar x'għandu jsir f'każ li d-diretturi tagħha ma jkunux jistgħu jaġixxu flimkien. Jirriżulta għalhekk li wieħed mill-persuni li skont l-istatut ta' Old Mill Developments Limited kellu jaħlef ir-rikors ġuramentat li ġie ppreżentat għan-nom ta' din il-kumpannija, la ntalab jaħlef ir-rikors u x'aktarx lanqas ġie infurmat bil-proċeduri odjerni li nfetħu minn kumpannija li tagħha huwa direttur. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 141(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji huwa maħsub biex jipprovdi għar-rappreżentanza ta' kumpannija f'każ li meta jinfetħu proċeduri ġudizzjarji kontriha, jinstab li dak li jipprovdi l-istatut tagħha dwar ir-rappreżentanza tal-istess kumpannija, ma jkunx jista' jiġi attwat. Ir-rikors mertu ta' dawn il-proċeduri, kif propost minn wieħed biss mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, huwa irritwali u null għaliex mhuwiex konformi ma' dak li jipprovdi l-istatut tas-soċjetà rikorrenti. Il-Qorti tirrileva li f'każ li Emanuel Mallia personalment ħass li huwa kien ser isofri xi preġudizzju bid-deċiżjoni tal-Arbitru, kellu jkun hu personalment li jipprova jżomm lil Old Mill Developments Limited milli tagħmel il-pagament li qiegħda tintalab tagħmel favur Vella Estates Limited.

Tqis li permezz tar-rikors odjern sar f'tentattiv minn Emanuel Mallia biex jinfetaħ mill-ġdid il-mertu li ġie deċiż mill-Arbitru wara li bejn Old Mill

Developments Limited u Vella Estates Limited kien hemm qbil li ma kellux isir appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru. Il-proċedura tal-mandat t'inibizzjoni ma kellhiex tintuża sabiex titwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-ordni mogħtija mill-Arbitru, ġaladarba qabel marru quddiem l-Arbitru, il-partijiet involuti fl-arbitraġġ kienu qablu bejniethom li ma kellux ikun hemm appell minn dik id-deċiżjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

## Decide

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2020 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fl-14 ta' Lulju, 2020.